# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 13**

**Avviz numru 66/01/SM**

**Elmo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Abraham Mifsud u l-istess Abraham Mifsud.**

**vs**

**Joseph Portelli**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tlett mija sebgha u tmenin lira disa centezmi (Lm387.09,0) [Lm362.09,0 lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u LM25 lill-attur Abraham Mifsud] in linea ta' danni minnhom sborsati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Hal-Qormi fid-29 ta' Awissu, 2000, meta waqt li hu kien qed isuq l-vettura Nru. MLG 003 habat mal-vettura TOP 206 proprjeta' tal-attur Abraham Mifsud u misjuqa minn Carmel Mifsud – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

2. **Bl-ispejjs, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Novembru, 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata ma' dan l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mis-16 ta' Novembru 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-13 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-esponenti ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-avviz premess stante li ghal dan l-incident kien jahti biss Carmel Mifsud minhabba imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Carmel Mifsud;**

2. **Illi jsegwi li l-eccipjenti ma jista' qatt jigi kundannat ihallas ebda danni;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tas-1.30 ta' wara nofs inhar tad-29 t'Awissu tas-sena 2000 fi Triq San Gwakkin, Hal-Qormi, bejn il-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni TOP-206 misjuqa minn Carmel Mifsud u trailer tal-marka Volvo bin-numru ta' registrazzjoni MLG-003 misjuq minn Joseph Portelli;**

2. **Illi l-incident de quo sehh meta l-konvenut kien hiereg bit-trailer tieghu mill-fabbrika ta' Farsons, waqaf fil-gate ta' l-istess biex jippermetti lill-imsemmi Mifsud jghaddi, li minflok baqa' diehel got-trailer;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li l-konducent tat-trailer, il-konvenut Portelli ghamel dak minnhu mistenni cioe' li johrog mill-gate ta' Farsons b'velocita' baxxa hafna; hares madwaru biex jara xi traffiku kien ghaddej li seta' jintralcah; waqaf fil-gate biex jippermetti lill-vettura ta' Mifsud tghaddi bil-liberta';**

**Illi jirrizulta li dan Mifsud, nonostante li ma kellux il-vizwali tieghu mghottija, naqas li jara trailer ta' certa proporzjon wieqaf fil-gate ta' Farsons u sehhet il-kollizjoni;**

**Illi ghalhekk ippekka fil-"proper look-out" li kellu jzomm meta qieghed fil-kontroll ta' vettura mekkanizzata;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**